MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Numru. 79/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

**vs**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Joseph Zammit ta’ 50 sena, iben Spiridione u Mary nee` Gatt imwieled Valletta fit-3 ta` Lulju, 1950 u residenti 45, Olympia, Triq il-Qasab, San Gwann u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 603750 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fit-31 ta` Dicembru, 2001, ghall-habta ta` l-10.30 am gewwa Block D, Flat 3, Misrah Lewza, San Gwann, minghajr il-hsieb li l-imputat joqtol jew jqieghed il-hajja ta` haddiehor f`periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta` Anthony Mifsud Bonnici, jew gablu disordni f`mohhu u kien hebb ghall-imsemmi Anthony Mifsud Bonnici u kien ikkagunalu griehi ta` natura gravi illi tista` ggib periklu ta` marda permanenti tal-mohh skond ma ccertifika Dr. N. Refalo MD ta` l-isptar San Luqa (Kap. 9 Sez. 214 u 216 a (iv).

L-istess data, hin u lok volontarjament  hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe` ta` Anthony Mifsud Bonnici u Pauline sive Paola Mifsud b`dan illi l-ammont tal-hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm 500), imma huwa izjed minn hamsin lira (Lm 50) u dana bi ksur ta` l-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9.

Il-Prosekuzzjoni kienet qed titlob il-hrug tal-garanzija kontra Joseph Zammit ai termini tal-Artikolu 383, Kap. 9.

Fl-istess hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Paola Mifsud u kien ikkagunalha griehi ta` natura hafifa skond ma ccertifika Dr. N. Refalo ta` l-Isptar San Luqa.  (Kap. Sez. 9, 221).

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Lulju 2005 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm previst fl-Artikoli  214, 215, 216, 221, 325 (a), 17 (b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta’ Ottubru 2005 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta’ Frar 2006 il-parti civili Anthony u Paula Mifsud Bonnici irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u ddikjaraw li kienu qed jahfrulu ghall-incident li jifforma l-mertu ta’ din il-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tar-rinunzja tal-parti civili Paula Mifsud Bonnici, l-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda it-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

It-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat tirrigwarda l-hsara volontarja ghad-detriment tal-konjugi Mifsud Bonnici. Il-Qorti jidrilha li din l-akkuza ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi stante li ma ngabet ebda ricevuta jew prova ohra li tindika l-ammont ta’ hsarat kagunati u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Jibqa’ issa li tigi kkunsidrata l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u cioe’ dik li kkaguna griehi ta’ natura gravi li jistghu igibu perikolu ta’ marda permanenti tal-mohh skond ma ccertifika Dr. N. Refalo tal-Isptar San Luqa u cioe’ ir-reat kontemplat fl-Artikoli 214 u 216 (a) (iv) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jinghad mill-ewwel li din l-akkuza ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi principalment ghaliex Dr. Nick Refalo li kien originarjament ezamina llil Anthony Mifsud Bonnici u li hareg ic-certifikat imsemmi fl-akkuza meta Anthony Mifsud Bonnici gie rikoverat l-Isptar San Luqa qatt ma xehed f’dawn il-proceduri u inoltre il-Professur Godfrey Laferla (ara deposizzjoni relativa a folio. 100 u 101 tal-process) li kien il-konsulent li ha hsieb lill-imputat waqt li huwa kien rikoverat l-Isptar ghalkemm ikklasifika il-griehi sofferti mill-imputat bhala ta’ natura gravi qal ukoll li wara li l-imputat gie rilaxxjat mil-Isptar huwa qatt ma rega’ rah u mill-file relattiv ma jirrizultax li huwa baqa’ jinghata kura jew imur l-outpatient. Il-parti civili stess produca certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Josef Micallef (inserit a fol. 168 tal-process) minn fejn jirrizulta li Anthony Mifsud Bonnici “has no physical signs of external injuries nor any residual physical defect”. Dan ic-certifikat gie konfermat bil-

gurament mill-istess Dr. Josef Micallef waqt l-udjenza tas-26 ta’ Ottubru 2007.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-anqas l-ewwel akkuza ma tista’ tinghad li giet pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u konsegwentement l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi stante r-rinunzja da parti tal-parti civili, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda it-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza u tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------